MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 665/2000/1

**Alfred P. Farrugia fil-kwalita' tieghu ta' Amministratur ta' l-ereditajiet ta' Helen u Maria Carmela ahwa Grech u b'digriet tal-21 ta' Awissu 2004 il-Qorti awtorizzat lil Edward Zammit u l-Perit Mannie Galea jassumu l-atti tal-kawza minflok Alfred P. Farrugia wara r-rikors taghhom datat 9 ta' Awissu 2004.**

**vs.**

**Carmel sive Charles Grech u Maria Dolores Grech; Property Development Limited; Carmel sive Lino Brincau u Elaine Brincau.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi datata 7 ta' April 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia tat-12 ta' Settembru 1989, l-attur *nomine* biegh lill-konvenuti Property Development Limited u Carmel sive Lino Brincau bicca art fabbrikabbli formanti parti mill-artijiet tal-Gnien fil-kontrada tal-Mirakli limiti ta' Hal-Lija u mmarkata bin-numru sitta fuq il-pjanta annessa ma' l-istess att tal-kejl ta' cirka 658.5 metri kwadri, liema kejl jinkludi l-parti stradali, konfinanti mit-tramuntana ma' Windmill Street u mill-irjihat l-ohra ma' beni ta' l-attur *nomine* jew l-aventi kawza minnu, jew irjieh verjuri, versu l-prezz ta' Lm6,000 li minnhom Lm2,000 thallsu fuq il-kuntratt u l-bilanc ta' Lm4,000 kellhom jithallsu fi zmien tliet snin mill-gurnata ta' l-att;

Illi fuq kull bilanc dovut jghaddi l-imghax ta' tnejn fil-mija aktar minn dak moghti mill-banek kummercjali ghad-depoziti fissi ghal sena b'minimum ta' sebgha fil-mija fis-sena;

Illi l-imsemmija konvenuti ghad fadallhom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm7,276.36 kwantu ghall-Lm4,000 il-bilanc mill-Kapital u kwantu ghall-Lm3,276.36 imghax, liema kreditu huwa kawtelat bi privilegg specjali numru 15713/89 iskritt fuq il-bicca art in vendita fuq deskritta;

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef tat-18 ta' Jannar 1991, l-imsemmija zewg konvenuti bieghu l-istess bicca art meritu tal-fuq imsemmi kuntratt lill-konvenut l-iehor Carmel sive Charles Grech;

Illi bi protest ipprezentat fit-22 ta' Frar 2000, l-imsemmija zewg konvenuti gew interpellati jhallsu kull bilanc dovut, waqt li l-konvenut l-iehor Carmel sive Charles Grech gie interpellat ihallas kull bilanc dovut jew jirrilaxxa l-art minnu akkwistata kif intqal aktar qabel, liema att gudizzjarju gie debitament notifikat lill-konvenuti;

Illi ghalhekk l-attur nomine talba li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:-

(1) Tordna l-vendita gjudizzjali tal-bicca art fuq deskritta limiti ta’ Hal-Lija li hu suggett ghall-kreditu privileggat fuq indikat sabiex mir-rikavat l-attur nomine jkun jista' jigi sodisfatt mill-kreditu tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest ufficjali tat-22 ta’ Frar 2000, u bl-imghaxijiet legali ta’ 8% mid-data tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni fuq is-somma dovuta, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti mehmuza a fol. 5 sa 14 tal-process;

Rat id-digriet tat-28 ta’ April 2000 tal-Qorti hekk presjeduta fejn appunta l-kawza ghas-smiegh ghall-15 ta’ Gunju 2000.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta ‘Property Development Limited’ datata 18 ta’ Mejju 2000 a fol 21 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi d-debitu in kwistjoni jappartjeni jekk ikun il-kaz lil terzi u mhux lis-socjeta’ konvenuta galadarba hija bieghet l-istess propjeta` fit-18 ta’ Jannar 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef.

2. Illi qabel xejn trid tigi mibjugha in subbasta din l-istess proprjeta’ jekk ma sarx il-hlas dovut *stante* li – propjeta` in kwistjoni inbieghet kif munita bil-plivilegg specjali fuq il-fond *de quo* u dan kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta’ trasferiment fuq riferti.

3. Illi s-socjeta` konvenuta m’ghandha taghti xejn lill-atturi.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda a fol 21 u 22 tal-process.

Rat li l-konvenut Carmel Brincau u Elaine Brincau minkejja li gew debitament notifikati bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fil-11 ta' Mejju 2000 ma' pprezentaw l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghu kontumaci.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo sive Charles u Maria Dolores konjugi Grech a fol 23 fejn gie eccepit:

1. Illi l-imsemmi Alfred P. Farrugia ghandu jipprova l-kwalita' allegata minnu ta' amministratur ta' l-imsemmija eredita'.

2. Illi f'kull tali kwalita' anke' jekk pruvata ma timportax id-dritt ta' rapprezentenza gudizzjarja.

3. Illi t-talba ghall-bejgh b'subbasta ta' l-imsemmi mmobbli mhix sostenibbli u ghandha tigi michuda billi l-attur nomine ma talabx illi jigi kannonizzat kreditur, talba illi hija logikament u guridikament anterjuri ghat-talba intavolata mill-attur *nomine.*

4. Illi l-azzjoni esperita mill-attur nomine hija nulla billi ma gewx segwiti minnu l-proceduri ordnati mill-**artikoli 2070** sa **2072 tal-Kapitolu 16.**

5. Illi l-kreditu riklamat mill-attur nomine huwa mhallas.

6. Salv eccezzjonijiet ohra

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Carmelo sive Charles u Maria Dolores konjugi Grech u l-lista tax-xhieda a fol 24 u 25 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tal-15 ta' Gunju 2000 a fol 27 tal-process fejn dehru Dr Tania Sammut u Dr Stephen Thake ghall-konvenuti Grech u Dr Edward Debono ghas-socjeta` konvenuta. Inghata digriet ta' l-affidavit lill-atturi sabiex sa zmien sittin (60) gurnata ghandhom jipprezentaw l-

affidavits taghhom bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tal-kontro-parti u b'rizerva ta' kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghat-18 ta' Ottubru 2000.

Rat in-nota ta' l-attur datata 11 ta' Awissu 2000 li permezz taghha esebixxa l-affidavits tieghu flimkien ma' dokumenti ohra esebiti (minn fol 29 sa 56).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tat-18 ta' Ottubru 2000 fejn deher Dr Tonio Mallia ghall-atturi prezenti, Dr. Stephen Thake ghall-konvenut Grech prezenti u Dr Edward Debono ghall-Property Development Ltd. Dr. Mallia ddikjara li f'dak l-istadju ma kellux provi aktar. Dr. Edward Debono ta ruhu b'notifikat bl-affidavit ta' l-attur u l-Qorti ordnat l-konvenuti biex jipprezentaw ix-xhieda taghhom bl-affidavits fi zmien tletin (30) jum bin-notifka lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti b'riserva ta' kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghas-6 ta' Frar 2001.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 6 ta' Dicembru 2000 fejn talab lill-Qorti joghgobha taghti dawk id-direttivi u tiehu dawk il-provvedimenti opportuni konsegwenza tan-nuqqas tal-konvenuti li jottempraw ruhhom ma' l-ordni tal-Qorti, u anke biex il-kawza ma titwalx inutilment.

Rat ir-rikors u d-digriet precedenti notifikat lill-kontro-parti.

Rat ir-risposta tal-konvenut *nomine* tat-28 ta' Dicembru 2000 u d-digriet tal-Qorti ta' l-4 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti idderigiet lill-konvenuti sabiex jadirixxu ruhhom mad-digriet tat-18 ta' Ottubru 2000, u jipprezentaw l-affidavits kollha taghhom sal-21 ta' Jannar 2001, ghal liema terminu l-prezentata ta' l-affidavits mill-konvenuti giet estiza.

Rat in-nota ta' l-attur *nomine* u dokumenti mehmuza datata 18 ta' Jannar 2001 (fol. 66) li permezz taghha esebixxa l-affidavit responsiv fid-dawl ta' l-affidavit imressaq mill-konvenut Chalres Grech, b'kopja biex tigi notifikata lill-konvenuti.

Rat in-nota tal-konvenut **Charles Grech** tal-14 ta' Dicembru 2000 (fol. 76a) li biha esebixxa l-affidavit immarkati bhala Dok. 'CG' (fol. 76 b) u kopja tal-kuntratt tal-bejgh immarkat bhala DOK CG1 (fol 77 sa 80), ghan-notifika ta' l-attur *nomine* skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tas-6 ta' Frar 2001 (fol 84) fejn deher l-attur assistit minn Dr. Mallia u Dr Thake ghall-konvenut Charles Grech. Xehdet **Marisa Scerri** (rapprezentanta tas-socjeta` tal-BOV a fol 85a sa 85e) prodotta mill-konvenut u **Gemma Debono** (registratur tal-Qorti a fol 85f sa 85g) prodotta mill-konvenut. Dr. Stephen Thake nforma lill-Qorti illi hareg tahrika ohra fis-26 ta' Jannar 2001 ghax-xhud Dr. L Bencini li m'hijiex fil-process u l-Qorti ordnat li din tinsab u tghodd bhala tahrik ghas-seduta li kien jmiss ta' l-istess xhud u l-kawza giet differita ghall-produzzjoni ta' l-istess xhud u provi kollha tal-konvenut ghat-28 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tat-28 ta' Marzu 2001 fejn deher l-attur assistit minn Dr Tonio Mallia u Dr Stephen Thake ghall-konvenut Charles Grech prezenti. Il-konvenuti l-ohra u d-difensuri taghhom issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Xehed **Dr. Leon Bennici** prodott mill-konvenut (fol 90 sa 93). Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop u konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti ghat-12 ta' Lulju 2001.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Carmelo sive Charles Grech fejn gie eccepit:-

1. Illi s-somma ta' Lm7,276.36 riklamata mill-attur *nomine* fic-citazzjoni tieghu, komposta skond hu mid-debitu kapitali ta' Lm4,000 u minn imghax bilancjarji ta' Lm3,276.36, ma hiex ghal kollox dovuta inkwantu, porzjoni mis-somma riklamata bhala imghax hija preskritta *ai termini* ta' l-**artikolu 2156 (d) tal-Kapitolu 16.**

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tat-12 ta' Lulju 2001 fejn dehret Dr. Tania Sammut ghall-konvenut Carmelo Grech li nfurmat lill-Qorti li ghallum kienet inharget tahrika ghal Dr. Leon Bencini li

ma hix fil-process u dan hu l-uniku xhud li ghandha. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenuti ghat-12 ta’ Dicembru 2001.

Rat il-verbal tat-12 ta’ Dicembru 2001 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u l-konvenut. Xehed **Dr. Leon Bencini** (prodott mill-konvenut Charles Grech a fol 102 sa 111). Dr. Thake talab l-ahhar differiment biex jirregola ruhu u Dr Mallia ma opponiex. Il-kawza gie differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenuti ghas-6 ta’ Marzu 2002.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Marzu 2002 fejn Dr. Stephen Thake ghall-konvenuti talab l-ahhar differiment biex jirregola ruhu. Deher Dr. Philip Sciberras li assuma l-patrocinju ta’ l-attur u l-kawza giet differita ghall-31 ta’ Mejju 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta biex il-konvenut jirregola ruhu.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-31 ta’ Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghat-8 ta’ Novembru 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri tat-8 ta’ Novembru 2002 fejn deher il-konvenut assistit minn Dr. Stephen Thake u Dr Carlo Bisazza li assuma l-patrocinju ta’ l-attur. Peress li l-konvenut ser jaghmel sforzi ghal transazzjoni il-kawza giet differita ghall-11 ta’ Marzu ghall-probabbli cessjoni.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-11 ta’ Marzu 2003 fejn deher Dr.Stephen Thake ghall-konvenut u deher il-konvenut Corrado Grech. Dr. Mark Attard Montalto assuma l-patrocinju tal-konvenut; tat-13 ta’ Mejju 2003 fejn id-difensuri tal-partijiet talbu aktar zmien biex jippruvaw jitransigu; tas-27 ta’ Gunju; tal-11 ta’ Novembru 2003 fejn deher Dr. Anthony Ellul ghall-attur li assuma l-patrocinju ta’ l-istess. Deher ukoll il-konvenut assistit minn Dr. Stephen Thake. Dr. Ellul iddikjara li l-attur ghandu nteress fil-kawza u peress li ghad hemm possibbilta’ ta’

transazzjoni l-kawza giet differita ghad-9 ta’ Jannar 2004; tad-9 ta’ Jannar 2004 fejn Dr. Mark Attard Montalto rrileva li hu qed jippatrocinja s-socjeta’ konvenuta Property Development Ltd; deher Dr. Thake ghall-konvenut Charles Grech. L-attur imsejjah tliet darbiet baqa’ ma deherx u l-kawza giet differita ghal probabbli cessjoni ghat-2 ta’ Marzu 2004.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 27 ta’ Frar 2004 (fol. 120) fejn l-esponenti talab lill-Qorti joghgobha *in vista* tas-safar ta’ l-istess Dottor Stephen Thake, tiddiferixxi din il-kawza ghal gurnata ohra konvenjenti ghall-istess Onorabbli Qorti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-2 ta’ Marzu 2004 fejn deher Dr Mark Attard Montalto ghall-kjamat in kawza u deher l-konvenut Carmelo Grech. Fuq talba maghmulha b’rikors mill-konvenut, il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti; tal-20 ta’ April 2004.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-1 ta’ Gunju 2004.

Rat ir-rikors ta’ Edward Zammit Louis u l-Perit Mannie Galea li ggib id-data 9 ta’ Awissu 2004 a fol 124, fejn l-esponenti talbu lil din il-Qorti sabiex tawtorizzahom jassumu l-atti tal-kawza fl-ismijiet ta’ Helen u Maria Carmela ahwa Grech minflok Alfred P. Farrugia. Il-Qorti tat id-digriet taghha fil-21 ta’ Awissu 2004 u laqghet it-talba u awtorizzat li r-rikorrenti jassumi l-atti tal-kawza minflok Alfred P. Farrugia. Ordna ukoll lill-istess biex jipprezentaw kopja tad-digriet relattiv fl-atti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-15 ta’ Ottubru 2004; tal-10 ta’ Novembru 2004 fejn deher l-attur u l-Qorti ordnat l-aggustament fl-okkju fit-terminu tad-digriet tal-21 ta’ Awissu 2004; tal-25 ta’ Jannar 2005 fejn deher Dr Anthony Ellul ghall-attur u l-konvenut Grech. L-attur nforma lill-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx u talab li l-kawza titkompla. Dr Ellul iddikjara li l-attur kien ezawrixxa

l-provi u l-kawza giet differita ghall-5 ta’ Marzu 2005 ghall-provi tal-konvenuti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-15 ta’ Marzu 2005 fejn deher Dr. Anthony Ellul ghall-attur prezenti u Dr Stephen Thake ghall-konvenut prezenti. Xehed **Alfred Farrugia** in kontro-ezami (fol 132). Il-kawza giet differita ghas-6 ta’ Mejju 2005 ghall-konkluzjoni tal-konvenut Carmelo Grech.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-6 ta’ Mejju 2005 fejn dehru Dr Anthony Ellul ghall-attur u Dr.Stephen Thake ghall-konvenut Carmelo Grech prezenti. Dr.Thake ddikjara li l-konvenuti Carmelo u M’Dolores Grech ghalqu l-provi taghhom. Deher ukoll Dr Mark Attard Montalto li rrinunzja ghall-patrocinju tal-kjamat in kawza. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tas-socjeta` konvenuta Property Development Ltd. ghas-17 ta’ Gunju 2005.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-17 ta’ Gunju 2005: u tat-8 ta’ Novembru 2005 fejn deher Dr.Anthony Ellul ghall-attur, deher il-konvenut Carmelo Grech u Dr.Daniela Mangion ghas-socjeta` konvenuta Property Development Ltd fejn talbet l-ahhar differiment ghall-konkluzjoni tal-provi tas-socjeta’ konvenuta u l-kawza giet differita ghat-3 ta’ Frar 2006 ghal dan l-iskop.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti kif attwalment presjeduta datata 3 ta’ Frar 2006 fejn il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Marzu 2006 ghall-iskop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta datat 16 ta’ Marzu 2006 fejn deher Dr Anthony Ellul ghall-attur *nomine* u Dr. Stephen Thake ghall-konvenut Charles Grech prezenti, u Dr. Leslie Cuschieri li assuma l-patrocinju tas-socjeta’ konvenuta. Id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li kjamat in kawza f’dawn il-proceduri ma hemmx. Xehed il-**Perit Frank Giordmaina Medici.** Dr. Leslie Cuschieri ddikjara li ghalaq il-provi u d-difensuri qabblu li l-provi issa nghalqu. Dr. Anthony Ellul ghall-atturi

talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ppregiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-attruri biex jipprezentaw n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolo ghat-28 ta’ Gunju 2006.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-atturi kollha datata 30 ta’ Marzu 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi bl-azzjoni attrici l-attur, u llum l-atturi il-kwalita taghha premessa sostnew li b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia tat-12 ta’ Settembru 1989, l-attur *nomine* biegh lill-konvenuti Property Development Limited u Carmel sive Lino Brincau bicca art fabbrikabbli formanti parti mill-artijiet tal-Gnien fil-kontrada tal-Mirakli limiti ta’ Hal-Lija markata bin-numru sitta fuq il-pjanta annessa ma’ l-istess att tal-kejl ta’ cirka 658.5 metri kwadri, liema kejl jinkludi l-parti stradali, konfinanti mit-tramuntana ma’ Windmill Street u mill-irjihat l-ohra ma’ beni ta’ l-attur *nomine* jew l-aventi kawza minnu, jew irjieh verjuri, versu l-prezz ta’ Lm6,000 li minnhom Lm2,000 thallsu fuq il-kuntratt u l-bilanc ta’ Lm4,000 kellhom jithallsu fi zmien tliet snin mill-gurnata ta’ l-att, b’dan li fuq kull bilanc dovut kellu jiddekorri l-imghax ta’ tnejn fil-mija aktar minn dak moghti mill-banek kummercjali ghad-depoziti fissi ghal sena b’minimum ta’ sebgha fil-mija fis-sena;

Illi l-istess attur *nomine* sostna li l-imsemmija konvenuti kien ghad fadallhom ihallsu lill-attur is-somma ta’ Lm7,276.36 kwantu ghall-Lm4,000 il-bilanc mill-kapital u kwantu ghall-Lm3,276.36 imghax, liema kreditu huwa

kawtelat bi privilegg specjali numru 15713/89 iskritt fuq il-bicca art in vendita fuq deskritta;

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef tat-18 ta' Jannar 1991, l-imsemmija zewg konvenuti bieghu l-istess bicca art meritu ta' 'l fuq imsemmi kuntratt lill-konvenut  l-iehor Carmel sive Charles Grech, bi protest gudizjarju pprezentat fit-22 ta' Frar 2000, l-imsemmija zewg konvenuti gew interpellati jhallsu kull bilanc dovut, waqt li l-konvenut l-iehor Carmel sive Charles Grech gie interpellat ihallas kull bilanc dovut jew jirrilaxxa l-art minnu akkwistata kif intqal aktar qabel, liema att gudizzjarju gie debitament notifikat lill-konvenuti; u *in vista* ta' dan l-attur *nomine* talab li din il-Qorti tordna l-vendita gudizzjali tal-bicca art fuq deskritta limiti ta' Hal-Lija li hu suggett ghall-kreditu privileggat fuq indikat sabiex mir-rikavat l-attur *nomine* jkun jista' jigi sodisfatt mill-kreditu tieghu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li tali kreditu jirrizulta naxxenti minn kuntratt pubbliku datat 12 ta' Setttembru 1989 fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia (Dok."A") fejn l-istess proprjeta ndikata fic-citazzjoni attrici giet mibjugha lill-konvenuti Property Development Limited u Carmel sive Lino Brincau flimkien u *in solidum* bejniethom; tali kreditu jinsab ukoll ikkonfermat mill-affidavit ta' Alfred P. Farrugia datat 10 ta' Awissu 2000 u mid-dokumenti a fol. 41 tal-process; l-istess proprjeta' giet mibnija mill-imsemmija konvenuti lill-konvenut l-iehor Carmel sive Charles Grech datat 18 ta' Jannar 1991 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef u esebit bhala Dok. "D" a fol 43 tal-process u fl-istess kuntratt hemm rikonoxximent li l-istess debitu msemmi fic-citazzjoni attrici tant li jinghad li *"Il-bilanc ta' erbat elef liri Maltin (Lm4,000) il-vendituri jiddeligaw lill-kompratur accettanti sabiex ihallashom lil Alfred P. Farrugia nomine flimkien ma' l-interessi relattivi ghal privilegg lilu spettanti skond il-ligi fuq il-fond de quo skond att tan-Nutar Marco Farrugia tat-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin (1989) munit b'Nota fil-volum tal-Ipoteki numru hmistax-il elf sebgha mija u tlettax tas-sena elf disgha mija u disgha u tmenin (1989) sat-tnax ta' Settembru elf disgha mija tnejn u disghin (1992).*

Illi peress li jidher li l-attur ma rcieva l-ebda hlas minkejja l-ittra legali datata 7 ta' Frar 2000 u protest ipotekarju datat 22 ta' Frar 2000 (Dok. "E") u ittra legali datata 21 ta' Marzu 2000, saret din il-kawza.

Illi n-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ecceppiet li l-istess debitu mhux dak tas-socjeta' konvenuta la darba bieghet l-istess proprjeta lill-terzi, eccezzjoni li ma ghandha l-ebda effett fuq it-talba attrici u dan abbazi ta' dak li jipprovdi l-istess kuntratt pubbliku datat 12 ta' Settembru 1989, l-iskrizzjoni tal-privilegg specjali u d-disposizzjoni ta' l-**artikolu 2002 (2) tal-Kap 16,** li tipprovdi li l-privileggi specjali fuq l-immobbli jibqghu maqghudin ma' dawn l-immobbli, ghalkemm dawn ighaddu ghand terzi persuni. L-istess jipprovdu l-**artikoli 2069 *et sequitur* tal-Kap 16** u fil-fatt l-istess tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jekk tista' tissejjah hekk, hija proprju l-azzjoni li ha l-attur *nomine* u dan wara li pprezenta protest ipotekarju datat 22 ta' Frar 2000 li kopja tieghu tinsab esebitia a fol. 45 tal-process bhala Dok. "E" u dan anke in sodisfazjoni ta' dak li hemm provdut fl-**artikolu 2072 Kap 16.**

Illi dwar l-ewwel zewgt eccezzjonijiet tal-konvenuti Grech tal-24 ta' Mejju 2000 jidher li l-attur nomine pprova l-kwalita' tieghu allegata permezz ta' l-affidavit tieghu imsemmi u d-dokumenti Dok. "A" a fol. 32 tal-process u ghalhekk l-istess eccezzjonijiet qed jigu michuda. Il-Qorti tirreferi wkoll ghad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili Numru 891/2001 edebit.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti din hija kompletament bla ebda fondament legali u dan peress li jirrizulta li t-talba attrici saret proprju abbazi tal-premessa li hemm kreditu dovut kif indikat u ovvjament tali talba hija konsegwanzjali ghall-prova ta' tali premessi u allura tal-kreditu vantat mill-attur *nomine,* kreditu li *in verita'* gie ppruvat u naxxenti minn kuntratt pubbliku, u ma' hemm bzonn ta' ebda dikjarazzjoni bhala talba kif suggerit mill-konvenuti, sabiex l-istess attur ikun jista' jressaq kif fil-fatt ressaq t-talba tieghu attrici ghall-bejgh ta' l-istess fond

munit bi privilegg specjali *in vista* tal-kreditu ezistenti fuq l-istess kif fuq indikat.

Illi mill-provi prodotti inkluz mill-protest gudizzjarju indikat jidher li kontrarjament ghal dak allegat mill-konvenut Grech, dak indikat fid-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 2070 sa 2072 tal-Kap 16** gew kollha osservati.

Illi dwar l-ahhar eccezzjoni tal-istess konvenuti fejn qed jallegaw li l-istess kreditu ta' l-attur *nomine* gie saldat, mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess konvenuti bl-ebda mod ma ippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom, oneru li kien jinkombi lilhom; anzi l-istess allegazzjonijiet tal-konvenuti huma kontradetti kemm mid-dokumenti esebiti, fejn ma hemm l-ebda ricevuta ta' l-istess ammont rikjamat, u wkoll mix-xhieda ta' l-imsemmi Alfred P. Farrugia fl-affidavits tieghu datat 10 ta' Awissu 2000 u 18 ta' Jannar 2001 u dan apparti d-diversi interpellatorji spediti mill-istess attur anke lill-istess konvenuti Grech. Anzi mid-dokument a fol. 68 tal-process konsistenti f'ittra ta' Dr. Leon Bencini ghan-nom ta' l-istess konvenut Charles Grech datata 27 ta' Gunju 1991 hemm ammissjoni li tali debitu baqa' ma' thallasx u dwar dan hemm ukoll proposti li qed issir referenza ghalihom fl-istess dokument. Hemm ukoll dokument mahrug minn Vincent Attard deputat registratur tal-Qorti fejn jinghad li ma saret l-ebda Cedola ta' Depositu minn Carmelo sive Charles Grech minn Dicembru 1992 sa Dicembru 1993 fil-Qrati kemm Superjuri, u kemm Inferjuri (fol.70).

Illi minkejja dan l-istess konvenut Charles Grech fl-affidavit tieghu datat 14 ta' Dicembru 2000 jghid li huwa ddeposita *banker's draft* pagabbli lir-Registatur tal-Qorti li qal li gew *"regolarment inkassati",* izda l-ebda prova ta' dan ma tressqet mill-istess konvenuti. Anzi x-xhieda ta' Gemma Debono fis-6 ta' Frar 2001 bhala Registratur tal-Qorti fejn qalet li bejn il-21 ta' Dicembru 1992 u l-21 ta' Gunju 1996 ma sar ebda zbank ta' cedoli minn depositi maghmula taht l-isem ta' Charles Grech u dan peress *"li mir-ricerka li saret fis-section tas-subbasti ma jirrizulta li kien hemm ebda depozitu f'dawn id-dati u allura zbanki ma sarux".* (fol.85).

Illi apparti dan ix-xhieda moghtija minn Dr. Leon Bencini, kemm dik moghtija fit-18 ta’ Marzu 2001 u kif ukoll dik moghtija fit-12 ta’ Dicembru 2001 bl-ebda mod ma tipprova dak allegat mill-istess konvenut Charles Grech. Anzi x-xhieda tal-Perit Frank Giordmaina datata 16 ta’ Marzu 2006 tikkonferma sakemm huwa necessarju l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici.

Illi dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni fin-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri datata 7 ta’ Mejju 2001 fejn l-istess konvenut Charles Grech qed jecceppixxi l-preskrizzjoni ta’ hames snin abbazi ta’ l-**artikolu 2156 (d) tal-Kap 16** din ma tapplikax ghall-kaz in ezami u dan peress li l-azzjoni *si tratta* ta’ kawza ghall-bejgh *in subbasta* tal-fond indikat kawza ta’ l-iskrizzjoni tal-privilegg specjali hemm indikat u iskritt fuq l-istess proprjeta; fi kwalunkwe kaz din ma’ hijiex kawza li ghaliha jirreferi l-istess artikolu ghall-hlas ta’ imghax ta’ *somom mehuda b’self jew taht titolu iehor”,* kif l-istess azzjoni attrici tindika perfettament u ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-konvenut Carmel sive Lino Brincau, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Property Development Limited u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra Carmel sive Charles Grech u Maria Dolores Grech, peress li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt, u fil-waqt li tichad ukoll l-eccezzjoni ulterjuri ta’ l-istess konvenut Charles Grech fejn ecceppixxa l-preskrizzjoni ta’ hames snin abbazi ta’ l-**artikolu 2156 (d) tal-Kap 16** u dan ghaliex l-istess eccezzjoni hija infondata fil-fatt u id-dritt kif fuq premess, **tilqa’ talba attrici** b’dan illi:-

(1) Tordna l-vendita gjudizzjali tal-bicca art deskritta fic-citazzjoni attrici limiti ta’ Hal-Lija li hija suggetta ghall-kreditu privileggat indikat fl-istess citazzjoni attrici sabiex

mir-rikavat l-atturi odjerni *nomine* jkunu jistghu jigu sodisfatti mill-kreditu taghhom premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest ufficjali tat-22 ta’ Frar 2000, u bl-imghaxijiet legali ta’ 8% mid-data tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni fuq is-somma indikata fic-citazzjoni attrici sa l-effettiv pagment, kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------